**Qorti Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Att ta' Akkuza Nru: 18 / 2022**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Miloud Elforjani**

**Illum 23 t' Ottubru, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat, Miloud Elforjani detenur tal-karta tal-identita Maltija **0135262A**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli;

**L-EWWEL (1) KAP**

***Tentattiv ta' Omiċidju Volontarju ta' Stefania Sankoh:***

**Il-fatti:-**

ILLI circa fis-sena Elfejn u Sittax (2016) l-akkużat MILOUD ELFORJANI, dak iż-żmien ragel ta' erbgha u tletin (34) sena beda relazzjoni ma' ċerta Stefania Sankoh. Dak iz-

zmien Stefania kellha erbat itfal. Waqt ir-relazzjoni taghha mal-akkuzat MILOUD ELFORJANI, Stefania Sankoh inqabdet tqila u kellha tarbija ohra, liema tarbija l-akkuzat MILOUD ELFORJANI haseb illi kienet tieghu. Illi l-problemi bdew meta Stefania Sankoh qalet lill-akkuzat MILOUD ELFORJANI illi t-tarbija ma kienitx tieghu u urietu li hi xtaqet ittem ir-relazzjoni ta' bejniethom.

Illi l-akkużat MILOUD ELFORJANI qatt ma aċċetta l-fatt li t-tarbija ma kienitx tieghu u li Stefania Sankoh xtaqet li ttem ir-relazzjoni ta' bejniethom. L-akkuzat MILOUD ELFORJANI waqt l-interrogazjoni tieghu ammetta li kien jghidilha u jheddidha li lit-tfal ma kienitx se trabbihom ghaliex kien ser joqtolha u jidfinha.

Din is-sitwazzjoni baqghet ghaddejja sakemm nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) l-akkuzat MILOUD ELFORJANI baghat messagg lil Stefania Sankoh u wara li din cemplitlu lura, qalilha sabiex tmur tiltaqa' mieghu. Ghal habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar tal-istess jum Stefania Sankoh marret tiltaqa' mal-akkuzat MILOUD ELFORJANI bil-karozza taghha tat-tip Toyota Vitz bin-numru tar-registrazzjoni HBQ625 u pparkjat il-karozza vicin ic-cinema li f'Bugibba fil-lokalita' ta' San Pawl il-Bahar, fejn iltaqghet mieghu. L-akkuzat MILOUD ELFORJANI dahal fil-karozza taghha u bdew jitkellmu. Wara li damu jitkellmu ghal xi hin, Stefania Sankoh regghet qaltlu illi ma xtaqitx li tibqa' f'relazzjoni mieghu ghaliex kienu jiggieldu spiss u ma kienitx qed tara kif setghu jimxu 'l quddiem. Xhin sema' hekk, l-akkuzat MILOUD ELFORJANI irrabja hafna u qal lil Stefania Sankoh sabiex iccempel lil ommha biex iselli ghaliha u ghat-tfal tal-istess Stefania Sankoh ghaliex kien ser joqtolha. F'dak il-waqt, wara li Stefania Sankoh irrifjutat li ccempel lill-ommha biex ma tinkwetahiex, l-akkuzat MILOUD ELFORJANI hareg mus minn gol-basket li kellu mdendel mieghu u u bl-intenzjoni li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Stefania Sankoh f'perikolu ċar, qabad dan il-mus u ta' diversi daqqiet f'diversi partijiet tal-gisem ta' Stefania Sankoh. Dawn id-daqqiet ġew mogħtija b'tant saħħa li kawża ta' dawn id-daqqiet Stefania Sankoh ġarrbet diversi leżjonijiet fosthom lezjoni fonda li ppenetrat l-abdominal cavity u zewg incizjonijiet fiz-zaqq hekk kif determinat mill-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri. Kif certifikat mill-istess espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri,

Stefania Sankoh kellha wkoll defensive injuries konsistenti f'incizjoni u abrazjonijiet fuq il-pala tal-id ix-xellugija. Illi dak il-hin Stefania Sankoh pruvat tohrog minn gol-karozza izda l-akkuzat MILOUD ELFORJANI gibdidha minn xagharha. F'dak il-hin Stefania Sankoh pruvat iddur biex tinqala minn go jdejh u biex ma jkomplix jaghtiha u b'xorti tajba irnexxielha tisgicca minn taht idejh hekk kif nstabtet il-barra minn gol-karozza.

Illi b'xorti tajba ghalhekk minkejja l-intenzjoni omicida tal-akkuzat MILOUD ELFORJANI, il-vittma Stefania Sankoh irnexxielha tehles minn taht idejn l-akkuzat MILOUD ELFORJANI li l-intenzjoni ahharija tieghu kien li joqtolha wara li ghamilha cara li kien ser joqtolha kemm bil-kliem kif ukoll bid-daqqiet illi huwa ta lill-vittma Stefania Sankoh.

Wara li ssejħet l-għajnuna tal-Pulizija, Stefania Sankoh ittieħed immedjatament l-isptar Mater Dei għall-kura. Kien biss ghall-intervent f'waqtu da parti tat-tobba li taw il-kura necessarja lill-akkuzat li MILOUD ELFORJANI ma laħaqx ikkonsma l-ħsieb doluż tiegħu li joqtol lil Stefania Sankoh jew li jqegħdilha ħajjitha f'perikolu ċar.

**<u>Il-konsegwenzi : -</u>**

ILLI b'għemilu l-akkuzat MILOUD ELFORJANI sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioè talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Stefania Sankoh) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu.

**<u>L-akkuża :-</u>**

ILLI għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti u għaċ-ċirkostanzi aktar il-fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi MILOUD ELFORJANI,

talli nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) bejn l-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (4.30 p.m.) u s-sitta neqsin kwart ta' wara nofsinhar (5:45 p.m.) ġewwa San Pawl il-Bahar, irrenda ruħu ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċjoè talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Stefania Sankoh) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu

**<u>Il-piena mitluba : -</u>**

GHALDAQSTANT l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat MILOUD ELFORJANI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tmien snin sa erbgħin sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 383, 17, 23, 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**<u>IT-TIENI (2) KAP</u>**

*(Alternattiv ghall-Ewwel Kap)*

***<u>Feriti ta' natura gravi fuq Stefania Sankoh permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż</u>***

**<u>Il-fatti : -</u>**

ILLI fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) bejn l-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (4.30 p.m.) u s-sitta neqsin kwart ta' wara nofsinhar (5:45 p.m.) ġewwa San Pawl il-Bahar l-akkużat MILOUD ELFORJANI fil-waqt li kien armat bi strument li jaqta' jew iniggez, avviċina lil Stefania Sankoh u beda jagħti daqqiet fuq il-persuna ta' l-imsemmija Stefania Sankoh.

B'konsegwenza ta' din l-aggressjoni u d-daqqiet li tnisslu minnha, Stefania Sankoh ġarrbet diversi leżjonijiet, fosthom lezjoni fonda li ppenetrat l-abdominal cavity u zewg incizjonijiet fiz-zaqq hekk kif determinat mill-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri. Stefania Sankoh garrbet ukoll abrazjonijiet fuq l-idha u fuq il-pala ta' idha ix-xellugija Illi Stefania Sankoh ittieħdet għal kura l-isptar Mater Dei fejn ġiet ċertifikata mit-tobba li kienet qeghdha ssofri minn ġrieħi ta' natura gravi.

**Il-konsegwenzi : -**

ILLI b'għemilu l-imsemmi MILOUD ELFORJANI sar ħati talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Stefania Sankoh), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li saru b'ferita li dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem u anke peress illi gabu mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-vittma Stefania Sankoh;

**L-akkuża : -**

ILLI għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, jakkuża lill-imsemmi MILOUD ELFORJANI, ħati talli, nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) bejn l-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (4.30 p.m.) u s-sitta neqsin kwart ta' wara nofsinhar (5:45 p.m.) ġewwa San Pawl il-Bahar, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Stefania Sankoh), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li saru b'ferita li dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem u anke peress illi gabu mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-vittma Stefania Sankoh.

**Il-piena mitluba : -**

GHALDAQSTANT l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat MILOUD ELFORJANI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sentejn sa ghaxar snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 216(1)(b), 216(1)(c), 217, 383, 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**IT-TIELET (3) KAP**

***Garr ta' Sikkina jew strument li jaqta' u bil-ponta barra minn fond mingħajr liċenzja jew permess tal-Kummissarju tal-Pulizija***

**Il-fatti : -**

ILLI fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) bejn l-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (4.30 p.m.) u s-sitta neqsin kwart ta' wara nofsinhar (5:45 p.m.) ġewwa San Pawl il-Bahar, l-akkużat MILOUD ELFORJANI kellu fuq il-persuna tiegħu arma bil-ponta mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija waqt li kien barra minn fond. L-akkużat MILOUD ELFORJANI filwaqt li kien armat b'dan l-istrument li jaqta' u bil-ponta, kkometta diversi reati billi ta' diversi daqqiet bl-istess strument lill-vittma Stefania Sankoh, kif ġjà spjegat fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża.

**Il-konsegwenzi :-**

ILLI b'għemilu l-imsemmi MILOUD ELFORJANI sar ħati talli, waqt li kien barra minn fond, kellu f'idejh jew fuqu sikkina jew strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

**L-akkuża : -**

ILLI għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi MILOUD ELFORJANI, ħati talli, nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) bejn l-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (4.30 p.m.) u s-sitta neqsin kwart ta' wara nofsinhar (5:45 p.m.) ġewwa San Pawl il-Bahar, waqt li kien barra minn fond kellu f'idejh jew fuqu sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

**Il-piena mitluba : -**

GHALDAQSTANT l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat MILOUD ELFORJANI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn mija u sittax il-Euro sebgħa u erbgħin ċenteżmi (€116.47) skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 6 u 51(7), 56, 57 u 61 tal-Att dwar l-Armi [Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta], u l-artikoli 23, 17(h), 383 u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

## IR-RABA (4) KAP

***Fastidju fuq Stefania Sankoh***

**Il-fatti:-**

ILLI fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u cioe' nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) bejn l-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (4.30 p.m.) u s-sitta neqsin kwart ta' wara nofsinhar (5.45 p.m.) kif ukoll fil-granet u fix-xhur ta' qabel ġewwa San Pawl il-Bahar u postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer, l-akkuzat MILOUD ELFORJANI

f'diversi okkazzjonijiet mar fuq il-post tax-xoghol ta' Stefania Sankoh fejn kien ikun irid ikellimha anke jekk hi ma kienitx tkun tridu jmur hemm. L-akkuzat MILOUD ELFORJANI kien ukoll imur u joqghod jistenniha wara l-bieb tax-xoghol fejn kienet tahdem. L-akkuzat MILOUD ELFORJANI kien imur ukoll ihabbtilha d-dar taghha diversi drabi minkejja illi Stefania Sankoh kienet turih bic-car u kienet tghidlu biex jitlaq u li ma kienitx qed tiehu gost b'dan l-agir tieghu. L-akkuzat MILOUD ELFORJANI kien ukoll ripetutament icempel lil Stefania Sankoh u jghidilha biex jiltaqghu u biex ikollhom relazzjoni amoruza flimkien u dan minkejja illi Stefania Sankoh kienet tghidlu biex ihalliha bi kwietha u biex ma jibqax jiffittaha.

**<u>Il-konsegwenzi :-</u>**

ILLI b'għemilu l-imsemmi MILOUD ELFORJANI sar ħati talli, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Stefania Sankoh u/jew gab ruhu b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal Stefania Sankoh.

**<u>L-akkuża: -</u>**

ILLI għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi MILOUD ELFORJANI, ħati talli, nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) bejn l-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (4.30 p.m.) u s-sitta neqsin kwart ta' wara nofsinhar (5.45 p.m.) kif ukoll fil-granet u fix-xhur ta' qabel ġewwa San Pawl il-Bahar u postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer gab ruhu mod li ta fastidju lil Stefania Sankoh u/jew gab ruhu b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal Stefania Sankoh.

**<u>Il-piena mitluba: -</u>**

GHALDAQSTANT l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat MILOUD ELFORJANI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta'

prigunerija ghal zmien minn disa' xhur sa tliet snin u tlett xhur jew multa ta' mhux inqas minn hamest elef ewro (EUR5,000) u mhux izjed minn ghaxart elef ewro (EUR 10,000) jew dik il-multa u prigunerija flimkien kif ukoll ordni ta' trattament skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 251A(1)(a), 251A(1)(b), 251C, 222(1), 202(h), 412D, 383, 7(2), 17, 18, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-ligi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

## IL-HAMES (5) KAP

***Biza' li ser tintuza vjolenza kontra Stefania Sankoh***

**Il-fatti :-**

ILLI fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u cioe' nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) kif ukoll fil-granet u fix-xhur ta' qabel ġewwa San Pawl il-Bahar u postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer, l-akkuzat MILOUD ELFORJANI hedded diversi drabi lil Stefania Sankoh b'hajjitha u qalilha ripetutament illi jekk hi ma tibqax f'relazzjoni amoruza mieghu, kien se jtemmilha hajjitha u ma jhallihiex tgawdi lill-familja taghha inkluz lil uliedha minorenni.

**Il-konsegwenzi :-**

ILLI b'għemilu l-imsemmi MILOUD ELFORJANI sar ħati talli, kkaguna lil Stefania Sankoh biza' li ser tintiuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna memmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligiiet ta' Malta.

**L-akkuża: -**

ILLI għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi MILOUD ELFORJANI, ħati talli, nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) kif ukoll fil-granet u fix-xhur ta' qabel ġewwa San Pawl il-Bahar u postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer kkaguna lil Stefania Sankoh biza' li ser tintiuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna memmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligiiet ta' Malta.

**Il-piena mitluba: -**

GHALDAQSTANT l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat MILOUD ELFORJANI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' prigunerija ghal zmien minn sena sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u seghin Ewro centezmu (EUR 4, 658.75) u mhux izjed minn hdax -il elf u sitt mija u sitta u erbghin Ewro u segha u tmenin centezmu (EUR 11,646.87) jew dik il-multa u prigunerija flimkien, kif ukoll ordni ta' trattament skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 251B, 222(1), 412D, 383, 7(2), 17, 18 u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-ligi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**IS-SITT (6) KAP**

***Ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja***

**Il-fatti :-**

ILLI fl-istess kuntest ta' żmien, narrat fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u cioe' nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) kif ukoll fil-

granet u fix-xhur ta' qabel ġewwa San Pawl il-Bahar u postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer, l-akkuzat MILOUD ELFORJANI kien qieghed jibbenefika mill-beneficcju tal-helsien mill-arrest fir-rigward ta' kaz separat illi hu kellu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Dan il-beneficcju kien inghata lilu permezz ta' digriet moghti fis-sebgha (7) t' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) mill-Qorti tal-Magistrati, Magistrat Dr. Simone Grech. Illi wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest kienet illi ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest. Illi bl-agir tieghu kif spjegati fil-kapi precedenti, l-akkuzat MILOUD ELFORJANI kiser il-kundizzjonijiet ghall-helisen mill-arrest u dan peress illi hu kkommetta delitti ohra ta' natura volontarja (fost 'l ohrajn attentat ta' omicidju volontarju fuq Stefania Sankoh) waqt illi kien qed jibbenefika mill-imsemmi helsien mill-arrest.

**Il-konsegwenzi :-**

ILLI b'għemilu l-imsemmi MILOUD ELFORJANI sar ħati talli, kiser il-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati mill-Magistrat Dr Simone Grech LL.D. fid-digriet datat sebgha (7) t'Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) meta inghata l-helsien mill-arrest that garanzija personali li tammonta ghal hamest elef Ewro (EUR 5,000).

**L-akkuża : -**

ILLI għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi MILOUD ELFORJANI, ħati talli, nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) kif ukoll fil-granet u fix-xhur ta' qabel ġewwa San Pawl il-Bahar u postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer kiser il-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati mill-Magistrat Dr Simone Grech LL.D. nhar is-sebgha (7) t'Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) meta inghata l-helsien mill-arrest that garanzija personali li tammonta ghal hamest elef Ewro (EUR 5,000).

**<u>Il-piena mitluba : -</u>**

GHALDAQSTANT l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat MILOUD ELFORJANI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mhux anqas minn hdax il-ewro u hamsa u sittin centezmu (EUR 11.65) u mhux aktar minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (EUR 1,164.69) jew ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn erba' xhur u mhux aktar minn sentejn jew ghal multa u prigunerija flimkien, kif ukoll l-ammont ta' hamest elef ewro (EUR5,000) stabbilit fid-digriet tal-helsien mill-arrest ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta u skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 11(1) u 579(2) tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skond il-ligi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Semghet l-ammisjoni tal-akkuzat fir-rigward it-tieni, it-tielet, ir-raba, il-hames u s-sitt akkuza registrata fl-ewwel jum tas-smiegh tal-guri.

Rat illi fir-rigward tal-ewwel akkuza skond ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-akkuzat Miloud Elforjani, f'kaz t'ammisjoni din ghandha tinfthiem fis-sens illi kien hemm dezistenza volontarja da parti tal-akkuzat milli jikkonsma delitt t'omicidju volontarju u dan ai termini tal-Artikolu 41(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-akkuzat irregistra ammissjoni dwar l-ewwel akkuza wara li gie prezentat ir-rikors kongunt.

Rat illi dan l-Artikolu jipprovdi s-segwenti:

> *41. (1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel delitt juri dan il-ħsieb b'atti esterni u jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, jeħel, meta jinsab ħati, barra minn meta l-liġi tgħid espressament xort'oħra, -*

*(b) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba li l-ħati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, il-piena għall-atti li jkun laħaq għamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skont il-liġi.*

Rat illi ghalhekk dak li lahaq ghamel l-Avukat Generali huwa r-reat kontemplat fl-Artikolu 216 (1)(c) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi s-segwenti:

*216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin –*

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

Dan qed jinghad ghaliex skond ma qalu Dr Mark Borg u l-esperti nominati mill-Qorti Dr Mario Scerri fl-atti tal-inkjesta u Dr Cherubino fil-kumpilazzjoni li l-lezjoni li kellha l-vittma Stephanie Senkoh fiz-zaqq kienet ippenetrat l-abdominal cavity u giet klassifikata bhala ferita gravi izda mhux wahda li gabitha fil-periklu tal-mewt.

Ghalhekk il-piena li ghandha tinghata f'dan il-kaz hija dik kontemplata fl-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn il-massimu hija dik ta' seba' snin prigunerija oltre l-piena applikabbli ghar-reati ammessi mill-akkuzat kif citati supra b'referenza ghall-akkuzi 3,4,5 u 6.

Rat illi il-partijiet, l-Avukat Generali u l-akkuzat Miloud Elforjani ddikjaraw permezz tar-rikors kongunt taghhom ipprezentat seduta stante illum stess li qed jaqblu fit-termini tal-Artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali sabiex il-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-akkuzat minn din l-Onorabbli Qorti **ghandha tkun wahda ta' tmien snin u nofs prigunerija effetiva, multa ta' mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) kif ukoll obbligazzjoni fuq l-akkuzat ghall-perjodu ta' tnax (12) -il xahar sabiex il-Qorti tipprovdi ghas-sigurta' tal-vittma Stefania Sankoh (karta tal-identita**

**numru 39782M) u l-familjari taghha ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-istess Kodici.** Dan oltre **il-hlas tal-ispejjez peritali ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali nkorsi f'dan il-kaz.**
Rat illi l-akkuzat fehem l-import ta'dan ir-rikors kongunt.

Il-Qorti thoss illi allura f'dan il-kaz stante l-piena ndikata fir-rikors kongunt hija wahda idonea, li taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula nhar it-23 t' Ottubru, 2023 u ghaldaqstant wara li rat l-Artikolu 11(1), 17(h), 18, 31(1)(a)(b)(i)(ii), 33, 41(1)(b), 202(h), 211(1)(2), 214, 215, 216(1)(b)(c), 217, 221(1), 251A(1)(a)(b), 251C, 383, 412D, 533 u 579(2) tal-Kodici Kriminali u l-Artikoli 6, 51(7), 56, 57, 61 tal-Att dwar l-Armi (Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta) u wara li tiddikjara lil akkuzat hati, tikkundanna lil hati Miloud Elforjani **tmien snin u nofs prigunerija effetiva, multa ta' mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).**

Il-Qorti tordna illi jekk il-multa ma tithallasx puntwalment tigi kkonvertita fi prigunerija ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kodici Kriminali.

Tikkundanna wkoll il-hati jhallas l-ispejjez raprezentanti l-ispejjez tal-esperti nominate fl-inkjesta kif ukoll fil-kumpilazzjoni ta'dan il-kaz a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. L-ispejjez li ghandu jhallas l-akkuzat huma s-segwneti:

1. L-ispejjez ta' Dr Mario Scerri fl-ammont ta' €394.10 (fol. 121);
2. L-ispejjez ta' WPS 293 Michelle Camilleri u PS 1331 Darren Debattista fl-ammont ta' €218 (fol. 139 tal-process);
3. L-ispejjez ta' Dr Edward Basile Cherubino fl-ammont ta' €327.34 (fol. 210);
4. L-ispejjez ta' Dr Marisa Attard fl-ammont ta' €1741.68 (fol. 240);
5. L-ispejjez ta' Joseph Mallia fl-ammont ta' €450.47 (fol 274).

Ghalhekk, l-akkuzat ghandu jhallas lill-Gvern ta' Malta is-somma ta' €3131.59 u jekk l-ispejjez appena citati ma jithallsux fi zmien sena mid-data tas-sentenza jigu kkonvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Tordna wkoll li l-konfiska favur il-gvern ta' Malta l-oggetti kollha li dwarhom sari r-reat.

Tordna l-hrug ta' garanzija ai termini tal-Artikolu **383 tal-Kodici Kriminali ghall-perjodu ta' tnax (12) -il xahar sabiex il-Qorti tipprovdi ghas-sigurta' tal-vittma Stefania Sankoh (karta tal-identita numru 39782M) u l-familjari taghha, u dan taht penali ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) fin-nuqqas.**

**Tordna wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-istess Kodici, kif anness ma din is-sentenza ghall-perjodu ta' hames snin ai termini tal-Artikoli 412D(3) u 412C(9). F'kaz illi l-akkuzat jonqos milli jaderixxi ruhu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni, il-Qorti ghandha twahhal lill-akkuzat ammenda ta' elf euro (€1000).**

**Tordna wkoll li kopja ta'din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jiehu hsieb jigbor il-multa nflitta kif ukoll l-ispejjez li saru in konnessjoni mal-hatra ta' diversi esperti.**

Il-Qorti tordna illi z-zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest preventiv jitnaqqas mill-perjodu ta' prigunerija li huwa gie kkundannat jagheml b'din is-sentenza.

**Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**